MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2010

Numru 1239/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**Vs.**

**KEVIN CHETCUTI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Kevin Chetcuti, iben Michael u Salvina nee’ Farrugia, imwieled Pieta’ nhar it-2 ta’ Lulju 1989, residenti Remig Flat 2 Belvedere Court Triq L-Iskal Marsaskala, detentur tal-karta ta’ l-identita’ nr. 297489M.

Billi huwa akkuzat talli fil-31 ta’ Ottubru 2009 ghall-habta ta’ bejn 18:15 hrs u 19:00 hrs gewwa Triq is-Santwarju, Zabbar minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni FBY757

ikkommetta serq ta’ puch illi kien fih aktar minn 232.94 Euro (LM100) kif ukoll diversi credit cards u curkett tad-deheb ghad dannu ta’ Jason John Sammut, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. FF3 u nnutat li l-imputat m’ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li parti mir-rifurtiva giet ritornata lil sidha.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 261(c), (f) u (g), 267, 270, 271(g), 279 u 280(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Kevin Chetcuti, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li parti mir-rifurtiva giet ritornata lil sidha, li l-imputat ammetta l-akkuza fi stadju bikri tal-kawza, l-eta’ tenera tal-imputat u l-fedina penali netta tal-imputat u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lill-imputat Kevin Chetcuti ghall-piena ta’ tmintax (18) il-xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma

ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputat Kevin Chetcuti jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Kevin Chetcuti l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------